**TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZI FINANZJARJI**

Pierre Lofaro LL.D - Chairman

Joseph Azzopardi FCCA, FIA, CPA, MBA (Warwick) - Membru

Ivan Sammut Dip. Bus. Law & Acc., Adv. Trib. Eccl (Melit.), M.A. (Fin. Serv.), LL.D - Membru

FST 02/18

Pilatus Holding Limited

Vs.

Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta

Illum, 8 ta' Mejju 2019

It-Tribunal,

Ra r-rikors tal-kumpannija Pilatus Holding Limited u Johannes Helmut Michael Bauer, Dr. Claude-Anne Sant Fournier, Hamidreza Ghanbari, Robert Klingensmith, Luis Felipe Rivera u Mustafa Cetineri fil-kapaċità tagħhom personali bħala diretturi tal-Pilatus Bank plc u għan-nom u in rappresentenza ta' l-istess Bank, li permezz tiegħu intalbet is-soprasessjoni ta' dawn il-proċeduri pendenti l-eżitu tal-proċeduri fil-Qorti Ewropea kompetenti relattivi għar-revoka tal-liċenza tal-Bank rikorrenti.

Ra t-tweġiba ta' l-Awtorità appellata, li permezz tagħha opponiet għall-istess talba għar-raġunijiet hemmhekk esposti.

Ra li dan l-appell huwa mħolli għad-deċiżjoni dwar din it-talba.

Ikkunsidra :-

Illi qabel xejn, jiġi għal kull bon fini rilevat li r-rikorrenti ddeduċew ilkoll flimkien l-istess talba kemm f'din il-proċedura, u kemm fil-proċedura l-oħra li qed tinstemgħa flimkien ma' dan l-appell u ċioè l-appell bin-numru FST 03/18 fl-ismijiet "Johannes Helmut Michael Bauer et vs. Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta". Dan minkejja l-fatt li appellanti f'din il-proċedura hija biss il-kumpannija Pilatus Holding Limited, u kwindi r-rikorrenti l-oħrajn kollha ma humiex leġittimati jipproponi tali talba f'din il-proċedura. Il-fatt li t-tribunal fl-udjenza tal-5 ta' Ġunju 2018 ordna li ż-żewġ proċeduri jinstemgħu flimkien ma jfissirx li r-rikorrenti fiż-żewġ kawżi ġew amalgamati.

Illi kwantu għall-meritu, it-tribunal jinnota li l-appellanti tiġġustifika t-talba tagħha billi tgħid illi jekk id-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tiġi kkonfermata, hija ma tibqgħax entità liċenzjata u tkun trid tirregola ruħha dwar it-tmexxija ta' dawn il-proċeduri. L-appellanti tgħid ukoll illi kemm fl-appell tagħha mid-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew u kemm fl-appell odjern, hija qed timpunja miżuri u direttivi meħuda fil-konfront tagħha li bihom l-appellanti ġiet effettivament prekluża milli topera bħala Bank.

Illi t-tribunal iqis li dawn iż-żewġ raġunijiet m'humiex mistħoqqa u ma jiġġustifikawx it-talba għas-soprasessjoni, li kif tgħallem il-ġurisprudenza kostanti, huwa rimedju straordinarju u li ma jiġix konċess sakemm mhux fejn iċ-ċirkostanzi assolutament hekk jeħtieġu (viz. **Annetto Farrugia vs. Avukat Ġenerali et**, Qorti Kostituzzjonali, 29/3/2019).

Illi l-fatt li r-revoka definittiva tal-liċenza bankarja ta' l-appellanti, in virtù tad-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew, tista' tolqot jew addirittura testingwi l-interess ta' l-appellanti fl-appell odjern hija materja irrilevanti f'dan l-istadju. La darba sallum l-appellanti għad għandha interess f'dan l-appell, allura hija mistennija li tmexxi 'l quddiem l-istess appell, u l-qagħda tagħha fid-dawl tal-provvediment finali mill-organi kompetenti Ewropej għandha tiġi meqjusa fil-mument opportun, u ċoè meta jingħata tali provvediment finali.

Illi l-fatt li kemm il-provvediment tal-Bank Ċentrali Ewropew u kemm id-direttivi appellati f'dawn il-proċeduri għandhom l-istess effett huwa wkoll irrilevanti. Il-validità o meno taż-żewġ sensiela ta' direttivi jridu ta' bilfors jitqiesu b'mod indipendenti minn xulxin, b'mod li t-tħassir jew il-konferma ta' direttiva waħda mhux neċessarjament tinfluwixxi fuq it-tħassir jew il-konferma tad-direttiva l-oħra.

Fl-imsemmija sentenza, l-Qorti Kostituzzjonali żiedet tgħid li 'fil-fehma ta' din il-Qorti, jrid jiġi ppruvat ukoll li t-tkomplija tal-istess smiegħ tkun sejra tikkaġuna preġudizzju li ma jistax jissewwa lil min jitlob ir-rimedju straordinarju tas-soprasessjoni'. Huwa evidenti li l-ebda preġudizzju simili ma ġie pruvat mill-appellanti fil-każ preżenti.

Għal dawn ir-raġunijiet, it-tribunal qiegħed jiċħad it-talba għas-soprasessjoni ta' dawn il-proċeduri, u jordna l-prosegwiment tas-smigħ ta' dan l-appell.

L-ispejjeż ikunu a karigu ta' l-appellanti.